Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Gaetano Walker)

vs

Jason Cutajar

Illum 28 ta’ Gunju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Jason Cutajar, iben Paul u Connie nee Formosa, imwieled il-Pieta fl-4 ta’ Marzu 1975 u detentur tal-karta tal-idenita Nru 142675M, li permezz taghhom gie akkuzat :

Talli fil-11 ta’ Mejju, 2000 gewwa l-Belt Valletta, iffalsifika xi biljett ta’ flus jew mexxa biljett tal-flus tal-kamju LM10, li kien jaf li huwa iffalsifikat u dan bi ksur tal-artiklu 45 tal-kapitlu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess lok u dati minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legitima jew ragonevoli xtrajta jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljett tal-flus falsifikat tal-kambju LM10, li kien li l-istess kien falsifikat u dan bi ksur tal-artikolu 46 tal-kapitlu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok u dati minghajr awtorita legali u skuza legittima jew ragonevoli ghamel uzu jew xjentement kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, xi karta mahsuba biex tixbah u biex tghaddi bhala karta specjali (LM10) bhal dik provduta u uzata ghal ghemil ta' xi biljett tal-flus, jew karta specjali tali, u dan bi ksur tal-artikolu 47(a) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-4 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 45, 46, 47(a) tal-Kap. 204;
(b) Fl-Artikoli 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kelllux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi fil-11 ta' Mejju tas-sena 2000 certu Joseph Gatt impjegat bhala skrivan mal-korporazzjoni tal-ilma fil-fergha tal-Belt Valletta ghamel rapport lill-pulizija fis-sens illi ftit tal-hin qabel kienet dahlet persuna u ipprezentat kont ta' seba' liri u ghaxar centezmi (LM9.10) kont tad-dawl u l-ilma u din il-persuna kienet hallset dan il-kont b'karta ta' ghaxar liri falza.

Illi l-pulizija arrestaw lill-imputat fuq imsemmi illi ammetta li kien hallas il-kont tad-dawl u tal-ilma permezz ta' karta ta' ghaxar liri, pero' cahad illi kien jaf illi dik il-karta ta' ghaxar

liri kienet falza. Mistoqsi l-imputat ghalfejn hareg mill-fergha tant mghaggel l-imputat stqarr mal-pulizija illi kien sarlu l-hin biex jiltaqa mal-mara tieghu u kien ghalhekk illi kien hareg mghaggel. L-imputat qal lill-pulizija illi kien missieru illi kien ghaddielu din il-karta ta' ghaxar liri fil-hanut illi ghandhom B'Bugia.

Illi fil-fatt l-imputat fl-istqarrija tieghu jghid: "jiena ma tlaqtx nigri bi sprint, imma b'pass mghaggel. Quddiem l-iskrivan domt ftit ghaliex tfajt l-flus fil-but u gbart l-ircevuta, dort lura u tlaqt 'il barra. Kont miftiehem mal-mara sabiex niltaqghu hdejn is-Savoy u kienu diga sar l-11.15a.m". L-imputat qal lill-pulizija illi huwa ma kien sema lil hadd jghajjatlu.

Illi xehed Joseph Gatt, l-iskrivan impjegat mal-Water Services Corporation, illi kien fil-Cash Office il-Belt Valletta meta gie sabiex ihallas il-kont tad-dawl u tal-ilma l-imputat fuq imsemmi. Huwa qal illi l-imputat hariglu n-nota tal-ghaxar liri ghaliex il-kont kien ghal seba liri u ghaxar centezmi u ghalhekk l-imputat tah ghaxar liri, hames centezmi u hames centezmu u huwa kellu jaghtih bhala bqija tlett liri. L-iskrivan kompla jixhed illi dahhal dan il-kont fil-computer, ittimbra l-kont, zamm il-bicca ta' taht u awtomatikament ta lill-imputat tlett liri bqija. Ha l-ghaxar liri u l-hames centezmi, ta l-ircevuta lill-imputat u kif induna li l-

ghaxar liri kienet falza sejjah lill-imputat, pero' l-imputat hareg b'pass imghaggel 'il barra u ma lahqux. Joseph Gatt xehed illi meta induna li l-karta tal-ghaxar liri kienet falza huwa hareg jigri wara l-imputat imma ma lahqux. Minn meta induna illi l-ghaxar liri kienet falza zammha il-hin kollu f'idejh u ma poggihiex mal-flus l-ohrajn li kellu fil-cash. Zamm ukoll il-kont apparti. Illi in kontro-ezami Joseph Gatt xehed illi l-imputat hareg b'pass imghaggel u mhux b'pass normali. Qal illi jkun hemm min johrog jigri wkoll u jkun hemm hafna nies illi johorgu b'pass imghaggel wara li jkunu hallsu l-kont tad-dawl u l-ilma.

Illi l-Qorti innominat lill-espert Ivan Formosa sabiex jezamina l-karta tal-ghaxar liri in kwistjoni u jiddetermina jekk kienitx falza jew le.

Illi mir-relazzjoni tal-imsemmi espert irrizulta illi l-karta tal-ghaxar liri in kwistjoni kienet falza.

Illi Philip Chircop, Executive Officer mas-Central Bank of Malta wkoll xehed illi l-karta tal-ghaxar liri in kwistjoni hija wahda falza u dana peress illi kontra d-dawl il-watermark ma tidhirx kif suppost illi tidher.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u qal u huwa impjegat bhala suldat. Huwa ikkonferma l-istqarrija li kien irrilaxxja lill-pulizija u qal illi sa fejn kien jaf hu huwa ma kellux flus foloz fuqu u l-flus illi kellu fuqu kien tahomlu l-gurnata ta' qabel missieru mill-"cash tilt" tal-hanut ta' missieru. L-imputat xehed illi missieru kien tah is-somma ta' sittin lira (LM60) u dana peress illi huwa jmur jghinu fil-hanut u missieru jikkompensah billi jaghtih xi haga tal-flus minn zmien ghal zmien. Gieli wkoll jixtri xi affarijiet ghal missieru u missieru jhallsu billi johrog il-flus mill-cash tilt li ghandu fil-hanut tieghu. L-imputat xehed illi dakinhar huwa hareg mill-Ufficju tal-Korporazzjoni tad-Dawl u tal-Ilma b'pass imghaggel peress illi kellu appuntament ma martu u kien diga qieghed tard. L-imputat xehed illi l-ghada gabar is-sittin lira li kien tah missieru u mhux flus ohrajn u mar jhallas bihom u dan jista jghidu peress li dawk kienu l-unika flus illi kien halla d-dar bhala flus in kontanti. Huwa xehed illi huwa imdorri bil-flus f'idejh, pero' huwa ma tax kaz ta' dawk is-sittin lira li kien tah missieru u ma indunax illi karta minnhom u cioe' dik tal-ghaxar liri in kwistjoni kienet falza.

Illi xehed missier l-imputat illi qal illi ghandu fabbrika tal-gir u ghandu wkoll kazin bl-isem Shooters Club Hal-Luqa. Paul Cutajar, missier l-imputat xehed illi f'Mejju tas-sena 2000, il-gurnata ezatt ma jiftakarhiex kien ta' lill-ibnu, jigifieri

lill-imputat is-somma ta' sittin lira fi flus in kontanti u dan sabiex imur jixtrilu xi affarijiet ghall-hanut. Kien qallu wkoll "ara li jibqalek minn dawn is-sittin lira zommhom ghalik" u dana peress illi ibnu jghinu f'xogholu. Missier l-imputat ikkonferma bil-gurament tieghu illi gurnata qabel ma inqala l-incident in kwistjoni ta lill-ibnu dawn is-sittin lira fi flus in kontanti. Huwa xehed illi ma ra l-ebda karta ta' ghaxar liri falza u li huwa qatt ma ra karta ta' ghaxar liri falza. Missier l-imputat kompla jixhed illi dakinhar kien ghadda dawn il-flus lill-ibnu l-imputat fil-hanut tieghu stess, ghaddihomlu mill-cash register tal-hanut. Peress li ma kellux karti ta' hames liri tah karti tal-ghaxar liri u jista jkun ukoll illi tah xi karta tal-ghoxrin lira.

Illi xehdet Claudine Cutajar, mart l-imputat u qalet illi f'Mejju tas-sena 2000 il-gurnata ezatt ma ftakrithiex hi u zewgha kienu telghu il-Belt. Zewgha kellu zewg qadjiet u kellu jmur ihallas kont tad-dawl u l-ilma u hi riedet tmur tixtri xi hwejjeg u kienu miftehmin illi kellhom jiltaqghu hdejn is-Savoy ghall-habta tal-11.00a.m. Effettivament hija baqghet tistenna ftit lill-imputat ghax ma kienx fil-hin. Mart l-imputat xehdet illi hija kellha l-"cash link card" maghha, pero' kienet insitha ghand ir-ragel u fil-fatt meta iltaqghet ma zewgha marru flimkien jixtru il-hwejjeg u fil-fatt esebiet zewg "slips" tal-cash link card li gew immarkati mill-Qorti Dokument CC1.

Hija xehdet illi bhala flus in kontanti zewgha kellu fuqu madwar sittin lira u apparti dawk il-flus ma kellhomx flus in kontanti d-dar u fil-fatt biex xtrat il-hwejjeg kellha thallas bil-cash link card.  Hija xehdet illi zewgha kien qalilha illi dawn il-flus kien tahomlu missieru u kien qalilha wkoll illi kien mar ihallas il-kont tad-dawl u tal-ilma qabel ma iltaqa maghha.

Illi xehed ukoll Stefan Camilleri, Logotenent fil-Forzi Armati ta' Malta u qal illi ilu jahdem mal-imputat mis-sena 1999. Huwa xehed illi l-imputat dejjem jaghmel xogholu b'mod ezemplari, huwa bniedem ta' responsabbilta u isibuh ta' ghajnuna kbira f'xogholu.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza fis-sens illi fil-kaz indezamina l-piz tal-prova jispetta lill-imputat u cioe' l-imputat irid jipprova illi l-pussess illi kellu tan-nota tal-ghaxar liri falza ma kienx xjenti, filwaqt illi l-Prosekuzzjoni trid tipprova biss il-pussess tan-nota falsifikata.

Illi huwa pacifiku wkoll illi sabiex jeghleb din il-prezunzjoni l-imputat irid jaghmel hekk billi iressaq prova sal-grad tal-probabbilita u mhux sal-grad ta' lil hinn mill-ebda dubju

dettat mir-raguni, liema grad ta’ prova ghandha dejjem titlahaq mill-Prosekuzzjoni.

Illi kif issottomettiet id-difiza l-imputat minn jeddu offra illi jixhed bil-gurament.

Illi punt iehor relevanti ferm huwa l-fatt illi l-imputat dejjem baqa konsistenti fil-verzjoni tieghu u dana minn meta gie arrestat sa kemm xehed f’dawn il-proceduri.  It-tezi tal-imputat dejjem kienet li l-flus ghaddihomlu missieru meta tah sittin lira fi flus in kontanti, dawn kienu l-unici flus illi kellu d-dar, l-ghada mar il-Belt fejn kellu zewg qadjiet, wahda minnhom kienet li jhallas il-kont tad-dawl u l-ilma, umbaghad iltaqa mal-mara tieghu illi xtrat xi hwejjeg permezz tal-cash link card taghha.

Illi minbarra l-fatt illi l-imputat dejjem baqa konsistenti fil-verzjoni illi ta, l-verzjoni tieghu hija kollaborata mix-xhieda ta’ missieru u ta’ martu u hija wkoll kollaborata mill-“cash link receipt” illi esebiet martu f’dawn il-proceduri illi fil-fatt juru illi fil-gurnata in kwistjoni il-mara tal-imputat xtrat xi hwejjeg permezz tal-cash link card.  Dan il-fatt issahhah it-tezi tal-imputat illi dawk is-sittin lira kienu l-unici flus illi kellu d-dar fil-gurnata in kwistjoni.

Illi l-Qorti tasal ukoll biex taccetta t-tezi tad-difiza fis-sens illi li kieku wiehed irid japprofitta ruhu billi juza karta ta' ghaxar liri falza dana mhuwiex ser jaghmel hekk jekk jaf li ser jinqabad. Il-fatt illi wiehed imur ihallas il-kont tad-dawl u l-ilma permezz ta' din il-karta ta' ghaxar liri falza huwa minnu innifsu inkriminanti u dana ghaliex l-iskrivan illi jircievi l-flus ikollu d-dettalji tal-persuna illi hallset u cioe' l-ID card number, l-isem, l-indirizz, il-kunjom etc u ghalhekk il-persuna hija identifikabbli minnufih. Ghaldaqstant jekk xi hadd ikollu karta tal-flus falza u jrid juzaha dan mhuwiex ser jaghmel hekk f'cirkostanzi meta jista jigi intraccat minnufih. Illi l-imputat mhuwiex xi bniedem semplici. Huwa jahdem bhala suldat mal-Forzi Armati ta' Malta u li kieku xjentement ried juza din il-karta tal-ghaxar liri falza huwa ma kienx ser jaqbad u jaghmel hekk f'cirkostanzi illi mal-ewwel kienu ser jinkriminawh.

Illi dan il-fatt jimmilita hafna favur it-tezi tad-difiza illi l-imputat ma kienx jaf illi l-karta tal-flus tal-ghaxar liri illi kellu kienet falza.

Illi huwa minnu wkoll illi l-iskrivan illi irceva l-flus minghand l-imputat l-ewwel ha l-flus, ta lill-imputat il-bqija tat-tlett liri, dahhal l-data fil-computer u hariglu l-ircevuta u matul dan il-

hin kollu huwa kien ghadu ma indunax illi l-karta tal-flus kienet wahda falza.

Illi s-Sur Gatt il-kaxxier l-ewwel xehed illi sejjah lill-imputat, imma l-imputat baqa ghaddej.  Umbaghad xehed illi meta induna li l-karta tal-flus kienet wahda falza huwa mar jigri biex jipprova jilhaq lill-imputat, imma ma lahqux.  Il-kaxxier xehed ukoll illi minkejja l-fatt illi l-imputat hareg mill-ufficju b'pass imghaggel hafna nies illi johorgu mill-ufficju wara li jkunu hallsu l-kont tad-dawl u l-ilma johorgu b'pass mghaggel u sahhansitra hafna wkoll johorgu jigru 'il barra. Ghaldaqstant il-fatt wahdu illi l-imputat hareg b'pass imghaggel mill-ufficju bhala tali ma iffisser xejn.

Illi irrizulta wkoll mill-provi prodotti illi l-imputat ghandu impieg fis u ghandu fedina penali netta.  Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti filwaqt illi tiddikjara lill-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mil-Ligi l-imputazzjonijiet odjerni qeghda tillibera lill-imputat mill-istess imputazzjonijiet kollha.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur